MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 1065/2010

**AWBG Developers Limited**

**Vs**

**VG Shutter & Concrete Works Ltd**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fl-20 ta’ Ottubru 2010, l-attrici ppremettiet:

1. *Illi s-soċjeta attriċi nkarigat lis-soċjeta konvenuta b' appalt sabiex tagħmel xogħlijiet ta' kostruzzjoni, varjazzjonijiet strutturali, bini u għoti ta' soqfa fil-fond bin-numru tlieta (3), St Joseph, Triq is-Sejjiegħ, Naxxar;*

2. *Illi ta' dawn ix-xogħlijiet taħt l-appalt, is-soċjeta konvenuta effettivament tħallset minn qabel in kwantu hija akkwistat, użat u sussegwentement iddisponiet minn materjali ta' kostruzzjoni u materjal ieħor mingħand is-soċjeta E. Grech Cristal Bath Limited (C-13298) li għalihom qatt ma ħarġet Euro wieħed in vista tal-fatt illi kellha tesegwixxi dan l-appalt fil-kwistjoni;*

3. *Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet formali u informali f' dan is-sens, inkluż diversi u ripetuti osservazzjonijiet mill-Perit inkarigat mix-xogħlijiet in kwistjoni u mid-diretturi tas-soċjeta attriċi, l-appalt in kwistjoni beda jiġi esegwit b' mod diżastruż tant illi mhux biss ix-xogħlijiet ma sarux skont is-sengħa u l-arti iżda talli l-istess eżekuzzjoni da parti tas-soċjeta konvenuta u tad-direttur tagħha Victor Gauci kkawżaw danni nġenti lis-soċjeta attriċi liema danni baqgħu sallum qatt ma ġew rimedjati mill-konvenuta;*

4. *Illi dawn id-danni allegatament sofferti huma magħmula mill-import tax-xogħlijiet riparatorji estensivi li saru u li għad iridu jsiru fuq il-fond in kwistjoni kif tajjeb rappurtat mill-Perit Tekniku l-Arkitett Robert Musumeci A&CE imqabbad minn din l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni (Inib. Nru 746/2010/CFS) liema mandat illum ġie segwit minn kawża għal ħlas bejn E. Grech Cristal Bath Limited u l-istess soċjeta intimata (Rik. Ġur. Nru 486/2010/AL) u li qiegħed jiġi anness u mmarkat Dok. 'AWBG1';*

5. *Illi kien dan in-nuqqas ta' ħila u sengħa u l-eżekuzzjoni diżastruża ta' dan l-appalt illi wasslet lis-soċjeta attriċi sabiex tittermina l-istess skont il-liġi u taġixxi tempestivament sabiex tillimita d-danni kkaġunati lilha;*

6. *Illi għal dawn id-danni sofferti mis-soċjeta attriċi hija unikament responsabbli s-soċjeta intimata in kwantu ġew sofferti minħabba imperizja, traskuraġni u nuqqas ta' sengħa u ħila fl-eżekuzzjoni tal-istess appalt;*

7. *Għaldaqstant, in vista tas-suespost u għal fatturi oħrajn li ser jirriżultaw fit-trattazzjoni ta' din il-kawża, is-soċjeta attriċi umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

   i. *Tiddikjara li s-soċjeta konvenuta hija unikament responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjeta attriċi;*

*ii. Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjeta attriċi kaġun tal-imsemmi aġir negliġenti tas-soċjeta intimata okkorrendo bil-ħatra ta' periti nominandi;*

*iii Tordna lill-intimat iħallas id-danni hekk likwidati minnha.*

*Bl-ispejjeż ta' dawn l-atti u l-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat inġunt in subizzjoni.*

Fit-30 ta' Novembru 2010, Victor Gauci in rappreżentanza tal-konvenuta VG Shutter & Concrete Works Ltd ikkonferma bil-ġurament is-segwenti:

1. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-intimata m' għandiex tħallas is-somma flus reklamata mir-rikorrenti;*

2. *Illi l-intimata ħadmet skont is-sengħa u l-arti u fuq struzzjonijiet u sorveljanza tal-perit inkarigat mix-xogħol u ċioe' il-Perit Tancred Mifsud;*

3. *Illi fil-preżent ir-rikorrenti reġgħat għamlet xogħol mill-ġdid fuq ix-xogħol li wettqet l-intimata permezz ta' kuntratturi oħra u kien fil-fatt dan ix-xogħol li sar mhux skont is-sengħa u l-arti u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

4. *Illi r-rikorrenti qatt ma llamentaw li x-xogħol kien qed isir ħażin u mhux a kompjaċiment tagħhom tant li Adrian Grech stess iffirma ftehim mal-intimata fl-10 ta' April 2010 meta x-xogħol kien lest Dok. 'VF01' u fil-fatt mhux minnu li l-intimata ġiet interpellata diversi drabi biex tagħmel xi riparazzjonijiet;*

5. *Illi r-rikorrenti qatt ma ntimat lill-konvenuta qabel dawn il-proċeduri;*

6. *Illi bla preġudizzju għal dak fuq eċċepit ir-rikorrent għad trid iġġib prova tat-talba tagħha;*

7. *Illi bla preġudizzju għal dak fuq eċċepit, dato ma non concesso li l-eċċezzjonijiet preċedenti ma jiġux akkolti, l-ammont mitlub qed jiġi kkontestat billi huwa eċċessiv bħala ammont per se billi l-partita ma ġietx ikkonsenjata kollha u mhux kull ma ġie kkonsenjat kien tal-kwalita pattwita u kien hemm xogħol li kien difettuż;*

8. *Illi bla preġudizzju għal dak fuq eċċepit it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom;*

Il-qorti rat l-atti li jinkludu r-rapport tal-perit tekniku Alan Saliba u noti ta' sottomissjonijiet.

Din il-kawza hi konnessa mal-kawza fl-ismijiet 486/2010 fl-ismijiet **E. Grech Cristal Bath Limited vs VG Shutter & Concrete Works Ltd** deciza llum mill-istess qorti.

A skans ta' ripetizzjoni l-qorti qeghda taddotta l-konsiderazzjonijiet kollha li saru f'dik il-kawza u tiddikjara lil japplikaw ghal din il-kawza. Izzid li ghal dak li jikkoncerna l-pretensjoni ghad-danni minhabba xoghol hazin, l-uniku ammont li ser jigi llikwidat f'din is-sentenza hu dak relatat mat-tarag li bena l-kuntrattur. Ghalkemm hu minnu li kien hemm iktar xoghol difettuz li sar mill-konvenuta, dan gie kollu kkunsidrat fil-kawza 486/2010 u nkluz fil-likwidazzjoni tas-somma dovuta lil E. Grech Cristal Bath Limited. Skond il-ftehim tal-31 ta' Awissu 2009 (fol. 175), il-konvenuta obbligat ruhha li taghmel xoghol ta' bini lill-kumpannija attrici fil-fond numru 3, St. Joseph, Triq Sejjieh, Naxxar. Fil-ftehim jinghad li:

*"Payment has already been made by E Grech Group (AAK Grech Limited/E Grech Cristal Bath Ltd) on behalf of AWBG Ltd for the sum of Euro 38,652.30 (Lm16,593.47). This payment confirmation will be according to the construction bills as approved by the architect in charge of the project and according to the conditions listed below".*

Mill-provi rrizulta li fil-fatt l-oggetti lill-konvenuta inghataw mill-kumpannija E Grech Cristal Bath Ltd. Adrian Grech spjega li *"AWBG kellha thallas imbaghad lil E. Grech Cristal Bath Limited"*[1].

Fil-kawza 486/2010 il-qorti hadet in konsiderazzjoni d-difetti fix-xoghol li sar mill-konvenuta. Dan kellu jsir biex jigi determinat il-valur tax-xoghol li wettqet il-konvenuta, gialadarba l-ftehim kien li l-hlas lill-kuntrattur isir f'oggetti (inkluz materjal tal-bini) li E Grech Cristal Bath Limited tat lill-kuntrattur.

Dak li baqa' kien it-tarag li ma sarx skond is-sengha u l-arti u bla dubju kellha tibdlu l-kumpannija attrici. Skond il-perit tekniku l-ispiza ghal dan ix-xoghol hi ta' erbat elef u hames mitt ewro (€4,500) [ara fol. 169]. Madankollu mhux l-ammont kollu hu dovut in kwantu:-

(a) Fil-kawza 486/2010 il-qorti diga' naqset, mill-ammont dovut lill-kuntrattur, is-somma ta' €2,498.82 ghall-bini tat-tarag u €247.38 ghall-ingall. Il-perit tekniku rrelata li dawn l-ammonti kienu jkunu dovuti lill-kuntrattur kieku t-tarag inbena skond is-sengha u l-arti. Fil-kont tal-perit Mifsud hemm inkluz it-

[1] Ara affidavit a fol. 19 tal-kawza 486/2010.

tarag. Ghalhekk l-ispejjez tat-tarag li l-konvenuta kienet tkun intitolata ghalihom kieku x-xoghol sar sew, tnaqqsu.

(b) Is-somma ta’ €4,500 tirreferi ghat-tnehhija u bini mill-gdid tat-tarag.

(c) L-attrici ghandha jedd biex tirkupra minghand il-konvenuta s-somma ta’ €1,753.80, li qieghed ikopri spiza zejda li kellha tinkorri l-attrici peress li t-tarag kellu jitnehha kollu. Li kieku l-qorti kellha tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ €4,500 ikun ifisser li l-konvenuta ser thallas ghal darbtejn ghall-bini tat-tarag u dan peress li fil-kawza 486/2010 il-qorti diga’ naqset is-somma ta’ €2,498.82 u €247.38 mill-ammont dovut lill-kuntrattur.

Fis-seduta tas-7 ta’ Frar 2014 id-difensur tal-attrici ddikjara li mill-atti kien evidenti li l-perit tekniku ma kienx ha in konsiderazzjoni l-ispejjez li l-attrici ghamlet sabiex tissewwa l-hsara minhabba xoghol difettuz tal-kuntrattur. Xoghol li hu elenkat f’rapport li ghamel il-perit Tancred Mifsud a fol. 192. Fil-kawza l-ohra l-qorti diga’ ikkunsidrat fid-dettal din l-oggezzjoni. Ghalhekk a skans ta’ ripetizzjoni qeghda taddotta r-ragunament li ghamlet fis-sentenza li nghatat illum fil-kawza 486/2010, inkluz dwar il-kritika li ghamlet il-konvenuta dwar dak li rrelata l-perit tekniku dwar it-tarag. Il-qorti tiddikjara li l-konsiderazzjonijiet li saru fis-sentenza li nghatat illum fil-kawza 486/2010 japplikaw *mutatis mutandis* ghal din il-kawza.

Ghaldaqstant ghal finijiet ta’ din il-kawza ser tiddikjara li l-ammont dovut hu ta’ €1,753.80. Ovvjament dan bla pregudizzju ghall-konteggi li ghad iridu jsiru bejn E. Grech Cristal Baths Limited u AWBG Developers Limited, gialadarba tal-ewwel hallset lill-kuntrattur fl-interess tal-attrici.

Il-qorti tosserva wkoll li fin-nota ta’ sottomissjonijiet il-konvenuta qalet li l-attrici m’ghandix interess guridiku peress li l-kuntratt ta’ appalt sar bejn E. Grech Cristal Bath Limited u VG Shutter & Concrete Works Limited. Eccezzjoni ma tistax tinghata f’nota ta’ sottomissjonijiet. F’kull kaz minn dak li jinghad fl-iskrittura a fol. 175, hu evidenti kemm il-konvenuta m’ghandix ragun in kwantu jinghad li l-konvenuta obbligat ruhha *"…. to carry out construction works for AWBG Ltd at No. 3, St Joseph, Sejjieh Street, Naxxar, Malta"*. Il-qorti m’ghandix dubju li b’dik l-iskrittura nholoq rapport guridiku bejn il-partijiet f’din il-kawza.

**Ghal dawn il-motivi taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet u tilqa’ t-talbiet tal-attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta’ elf seba’ mija u tlieta u hamsin ewro u tmenin centezmu (€1,753.80), bl-imghax mil-lum. Spejjez jinqasmu nofs bin-nofs in kwantu hu evidenti li l-pretensjoni tal-attrici kienet eccessiva.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------